MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 335/2014

Appell Nru: 335/2014

Il-Pulizja

Vs

Anthony Balzan

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Anthony Balzan, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 764255M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kapacita' tieghu bhala l-Managing Director tal-fabbrika T.M.T. B23, Bulebel Industrial Estate, Bulebel fil-perjodu ta' bejn is-6 ta' Mejju, 1998 u l-1 ta' Marzu 1999, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulha b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq ta' dawl tal-elettriku mill-fabbrika T.M.T. B23, Bulebel Industrial Estate, Bulebel fl-ammont ta' elf tlett mija u sbatax-il liri Maltin u disa' u sebghin centezmu (Lm 1317.79c.0) bhala detentur tal-fond jew il-persuna li ghandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabilita' mill-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263, 270, 267, 278 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9, u illiberatu minnu, sabet lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 261(b) u (f), 263 u 270 tal-Kapitolu 9, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati sabiex ihallas is-somma ta' mija u erba' u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€124.55) (ekwivalenti ghal tlieta u hamsin Lira Maltija u seba' u erbghin

centezmu (Lm53.47)), rapprezentanti spejjez inkorsi in konnessjoni mal-hatra tal-espert. Jekk il-hati jonqos li jhallas dawn l-ispejjez jew parti minnhom, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Anthony Balzan, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din illibeartu mir-reati kkontemplati fl-artikolu 261(c) u 267 tal-Kap 9 filwaqt illi tirriforma s-sentenza appellata, in kwantu din sabithu hati tar-reati kontemplati fl-artikoli 18, 261(b) u (f), 263 u 270 tal-Kap. 9, billi ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi, filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li jidhrilha xierqa, inkluz it-thassir tal-ordni maghmula ai termini tal-artikolu 553 tal-Kap 9.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

L-Ewwel Aggravju

Illi bhala fatt, il-fatti li rrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza qatt u qatt ma setghu iwasslu ghal decizjoni ta' thija fuq l-akkuza kif dedotta.

Illi l-akkuza tibda taqra' hekk:

*Billi inti akkuzat talli fil-kapacita' tieghek bhala l-Managing Director tal-fabbrika T.M.T. B23, Bulebel Industrial Estate, Bulebel...*

Illi tali akkuza hija legalement insostenibbli, minhabba l-fatt illi ma jistax ikollok Managing Director ta' Fabbrika – imma jista' jkollok biss Managing Director ta' socjeta' – cioe' T.M.T. Limited.

Illi l-akkuza kienet tkun korretta kieku kienet tghid bhala persuna responsabbli mill-fabbrika T.M.T. jew inkella bhala Direttur ta' T.M.T. Limited.

Illi l-akkuza kif inhi dedotta qatt ma setghet twassal ghal htija, partikolarment meta fil-proceduri kollha tal-investigazjoni (vide fol. 20 u 26 tal-process) kollox kien iffukat fuq is-socjeta T.M.T. Limited, biex imbghad fl-akkuza T.M.T. Limited ma tissemma mkien.

Jissemma biss bini ta' fabbrika li ghandu l-isem T.M.T., u kif tghallimna tajjeb din il-Qorti persuna fizika ma tistax tirrapresenta bini – bhala Managing Director tal-istess; tista' tkun responsabbli minn tali bini, imma ma tistax tkun managing director tieghu.

Illi b'hekk l-akkuza kif migjuba qatt ma setghet twassal ghall-htija li nstabet.

Illi d-diskors kien ikun iehor, kieku l-akkuzat gie akkuzat bhala direttur tas-socjeta' T.M.T. Limited, izda dan ma sarx.

Illi l-Ewwel Qorti ppruvat tiggustifika l-posizzjoni taghha billi kkwotat mis-sentenza Pulizija vs Patrick Vella deciza fil-31 ta' Awwissu, 2006 – izda f'dan il-kaz id-deskrizzjoni tal-akkuzat hija differenti ferm minn dik tal-akkuzat f'din il-kawza, u kwindi l-analogija zgur li ma tapplikax.

Illi mill-avvizo di comparire tal-kawza odjerna, l-akkuzat zgur li ma jistax jiddetermina jekk hux akkuzat bhala direttur ta' T.M.T. Limited, jew inkella bhala persuna li kienet responsabbli mill-fabbrika.

It-Tieni aggravju

Illi jekk l-akkuzat huwa akkuzat bhala l-persuna responsabbli mill-fabbrika in kwistjoni, mela kull argument dwar l-artikolu 13 tal- Att dwar l-Interpretazzjoni jrid jigi mormi barra t-tieqa, u l-provi migjuba ma jaghtux sostenn lill-kaz tal-prosekuzzjoni. Il-fabbrika fil-fatt kienet gestita minn socjeta' – T.M.T. Limited, u mkien ma gie ppruvat li l-akkuzat personalment kien responsabbli mill-fabbrika in kwestjoni.

It-Tielet aggravju

Illi l-gurisprudenza dwar il-materja tas-serq tghallimna illi l-ahhar element tas-serq huwa l'anima di farne lucro.

Illi dan l-element zgur li ma giex ppruvat u ma jissussistix.

Illi l-fond in kwestjoni mhuwiex propjeta' tal-akkuzat, izda huwa mikri lis-socjeta' T.M.T. Limited, u l-kont tad-dawl huwa f'isem l-istess socjeta'.

Illi b'hekk kwalunkwe benfeiccju li seta' gie tratt, semmai gie tratt a favur tal-istess socjeta', u l-akkuzat ma hemm ebda prova li b'xi mod l-akkuzat trajja xi beneficcju mill-att li tieghu gie akkuzat.

Illi fin-nuqqas ta' lucrum da parti tal-akkuzat, huwa qatt ma seta' jinstab hati tar-reat ta' serq.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant Anthony Balzan huwa direttur tas-socjetà TMT Limited illi topera mill-fabbrika B23 fil-qasam industrijali ta' Bulebel. Fl-ewwel (1) ta' Marzu tal-elf disa' mija disgha u disghin (1999) zewg impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta Charles Zgendo u Mario Cassar ghamlu spezzjoni ta' rutina fil-fond imsemmi u talbu illi jaraw il-meter tad-dawl. Meta fethu l-cubicle tal-meter u ezaminaw is-sigilli blu tal-plastik li kienu jidhru tampered with u hallewhom kif inhuma izda gibdu l-attenzjoni tal-imputat u wara cemplu lill-Ispettur Walter Spiteri u ghamlu rapport l-ghassa taz-Zejtun. L-Ispettur Spiteri mar fuq il-post u Mario Cassar qata' s-sigilli fil-prezenza tal-ispettur u irrizulta li r-red u l-yellow voltages kellhom vultagg izda l-blu phase ma kienx hemm vultagg. Irrizulta illi meta inqala' dan il-cable Mario Cassar ra li l-copper kien maqtugh vicin mal-plastic u li l-viti kienu ntrabtu fuq il-plastic u ghalhekk ma kienx hemm kuntatt mat-terminal tal-meter li kien ifisser li l-konsum tad-dawl ma kienx qed jigi registrat. Waqt l-inkjesta

l-appellant kien sostna illi hu ma kien jaf xejn dwar il-kaz u li l-parti fejn il-meter tad-dawl kien installat seta' jidhol kulhadd.

Ikkunsidrat:

Konsegwenza ta' din l-investigazzjoni l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi ta' serq ta' dawl elettriku kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tat-tmintax (18) ta' Lulju tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 118) il-Qorti tal-Magistrati filwaqt illi ma sabitx lill-appellant hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 261(c) u 267 tal-Kapitlu 9 u illiberatu minnu sabitu hati tar-reati kontemplati taht l-artikolu 18, 261(b) u (f), 263 u 270 tal-Kap 9 u ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar, però b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 it-terminu gie sospiz ghal zmien erba' snin.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti illi irrizultaw quddiemha. Argumenta illi l-appellant gie citat hazin fic-citazzjoni meta gie riferut bhala managing director tal-fabbrika TMT, B23, Bulebel Industrial Estate. Qal illi tali akkuza hija legalment insostenibbli peress illi ma jistax ikollok managing director ta' fabbrika, imma jista' jkollok biss managing director ta' socjetà, cioé TMT Limited, u l-kelma Limited hija nieqsa mic-citazzjoni.

Ikkunsidrat:

Jidher illi dan l-argument digà tqajjem quddiem l-ewwel Qorti u dik korrettement ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm ikkwotata fejn gibdet l-attenzjoni tal-appellant illi c-citazzjoni dejjem gie ritenut semplicement bhala "avviso da

comparire" li fih ikun hemm id-dettalji tal-kaz imma mhux necessarjament ikun hemm kollox. L-importanti hu illi l-akkuzat ikun jifhem ghal xhiex inhu akkuzat u jigi ippreparat bid-difiza tieghu. Minbarra s-sentenza ikkwotata mill-ewwel Qorti din il-Qorti taghmel riferenza ukoll ghall-kawza "Il-Pulizija kontra Benny Zaffarese et" tat-13 ta' Jannar 1995 fejn jghidlek "L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, izda ma jispecifikax dettalji dettalji li ghandhom jinghataw. Jekk xi dettalji thallew barra dan bl-ebda mod ma jgib in-nullità tac-citazzjoni. Anki jekk xi dettalji jkunu zbaljati, jekk il-persuna indikata effettivament tidher quddiem il-Qorti, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioé li sservi ta' "avviso a comparire" tkun giet ezawrita." F'dan il-kaz fic-citazzjoni thalliet barra l-kelma "limited" wara l-isem tal-fabbrika TMT. B'daqshekk però fuq l-iskorta tas-sentenza fuq citata, ma jfissirx illi c-citazzjoni hija nulla. L-appellant effettivament deher quddiem il-Qorti assistit b'avukat tal-ghazla tieghu u ghamel id-difiza kif deherlu l-ahjar kellha tkun u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza. Ghalhekk billi kien hemm nieqes dik il-kelma "limited" ma jfissirx illi l-appellant ghandu xi ragun jilmenta mid-decizjoni tal-ewwel Qorti.

It-tieni aggravju tal-appellant tirrigwarda persuna responsabbli mill-fabbrika u jargumenta illi mkien ma gie ippruvat illi l-appellant personalment kien responsabbli mill-fabbrika inkwistjoni. Fuq dan ukoll l-ewwel Qorti ghamlet id-deliberazzjonijiet taghha fejn irriferiet ghall-artikolu numru 13 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni. Dan l-artikolu hu pjuttost wiesa u jigbor fih mhux biss id-diretturi u persuni direttament responsabbli imma anke l-persuna "li kienet tidher li qed tagixxi f'isem dik l-entità." Meta l-impjegati tal-Enemalta marru fil-fabbrika kien l-appellant illi ippresta ruhu responsabbli u hadhom fil-kamra fejn kien istallat il-meter. L-appellant jghid illi ma kien jaf xejn dwar dak it-tbaghbis però fl-istess nifs jghid ukoll illi l-kamra kienet accessibbli ghal kulhadd u kien hemm hafna nies illi setghu ghamlu dan l-abbuz u mhux hu biss. Bir-rispett, il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk l-appellant zbalja peress illi l-artikolu 13 tal-Att Dwar l-Interpretazzjoni fuq imsemmi jitfa' responsabiltà fuq l-appellant illi jipprova, almenu fuq bazi ta'

probabilità, illi jkun ezercita d-diligenza kollha biex jevita li jsir ir-reat. Evidentement jekk il-kamra kienet accessibbli ghal kulhadd, ma uzax dik id-diligenza kollha biex jigi evitat ir-reat u halla proprjetà ta' terzi u cioé l-Enemalta illi jkun abbuzat minn kull min kellu interess illi jaghmel dan li fl-ahhar mill-ahhar kienet is-socjetà gestita mill-appellant illi ibbenefikat minn tali tbaghbis.

Dan ipoggi in perspettiva t-tielet aggravju tal-appellant fejn irrefera ghal definizzjoni tal-Carrara ta' serq u cioé "l'animo di farne lucro." L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax ireggi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tiched l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------